# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Matthew Piscopo**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Matthew Piscopo** detentur tal-karta tal-identita' numru 68675M fejn ġie akkużat talli fis-7 ta' Ġunju 2016 u fil-jiem ta' qabel din id-data ġewwa 13, Flat 2, Triq Vincenzo Dimech, Floriana u f'dawn il-Gżejjer : -

1. mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Kristina Knesevic f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem u s-saħħa u ċjoe' offiża ta'

natura gravi fuq il-persuna ta' Kristina Knesevic, jew ġabilha diżordni f'moħħha u liema ħsara setgħet iġġib perikolu ta' debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-ġisem jew difett permanenti fl-għamla tal-ġisem jew inkella difett permanenti fil-moħħ jew iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż u dan skont ma ċċertifika Dr. Pierre Agius M.D. (Reg. 3727) mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali;

2. li kkaġuna biża lil Kristina Knesevic li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra proprjeta tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;
3. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin jew ċirkostanzi ħebb għal Kristina Knesevic sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha l-ħsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
4. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin jew ċirkostanzi inġurja jew hedded lil Kristina Knesevic u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
5. u li rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.
6. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta Kristina Knesevic billi tagħmel ordnijiet taħt l-Artikoli 412C, 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Patrick Valentino tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti bdiet tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni fosthom ix-xiehda tal-allegata vittma Kristina Knesevic.

Il-Qorti rat li mix-xiehda ta' Kristina Knesevic l-allegati offiża ta' natura gravi imputata lill-imputat Piscopo fl-ewwel imputazzjoni fil-fatt kienet magħmula lilha minn persuna ta' karnaġġjon skur f'inċident separat minn dak li fih hija kienet involuta ma Piscopo. Hija tenniet dan għal darbtejn – kemm matul is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2016 kif ukoll matul id-deposizzjoni tagħha mill-ġdid nhar is-6 ta' Lulju 2016. Fil-waqt li hija stqarret li kellha argument ma Piscopo fil-5 ta' Ġunju fejn huwa refa' jdejh fuqha u kkawżalha xi wġiegħ fuq in-naħa tal-lemin tal-kustilji ta' daharha, ma kienx minnu li kien Piscopo li kkaġunalha l-allegata offiża fuq għajnejha x-xellugija.

Il-Qorti rat ukoll iċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib Dr. Pierre Agius (li ma kienx konfermat bil-ġurament) minn fejn jirriżulta li kien hemm "left periorbital bruising, 5 mm laceration over the mid left eyebrow, old laceration over the palmar surface of the left hand across the metacapo-phalaneal joints" u fejn dan it-tabib klassifika l-ġrieħi bħala li kienu gravi.

Matul is-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 il-Qorti filwaqt li sejħet lil Knesevic viċin tagħha sabiex tkun tista' tara b'għajnejha stess jekk kienx hemm marki viżibbli ta' dawn l-allegati daqqiet. Din il-Qorti fliet sewwa wiċċ Kristina Knesevic f'dik il-parti l-aktar rilevanti għal dan il-każ u ma rat ebda laċerazzjoni. Fil-fatt Knesevic stess stqarret li kellha qasma żgħira fuq l-*eyebrows* t'għajnejha x-xellugija li pero ma ħalliet ebda marka viżibbli *ad occhio nudo*.

Illi minn dawn il-provi din il-Qorti bl-ebda mod ma setgħet tgħid li l-offiża li ssubiet Knesevic kienet offiża ta' natura gravi skont dak dispost fl-artikoli 218 jew 216 tal-Kodiċi Kriminali – kemm jekk din l-offiża kienet kaġunata minn Piscopo u kemm jekk verament ma kienetx.

Il-Qorti rat li minbarra l-ewwel imputazzjoni, il-kumplament tal-imputazzjonijiet kienu reati li jaqgħu fil-parametri tal-ġurisdizzjoni

oriġinali ta' din il-Qorti skont l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali. Fl-isfond tal-provi prodotti pero, din il-Qorti ma setgħetx tqis li r-reat kontestat lill-imputat fl-ewwel imputazzjoni kien jissodisfa t-test tal-*prima faciae.*

Inoltre din il-Qorti rat li l-istess Kristina Knesevic kienet għal aktar minn darba stqarret li hija kienet qegħda taħfer lill-imputat u li kienet qegħda tirtira l-kwerela li hija għamlet kontra tiegħu kif ukoll kienet qegħda tirrinunzja għall-azzjoni kriminali kontra tiegħu safejn din kienet rinunzjabbli. Il-Qorti speċifikament staqsietha jekk kienetx qegħda tagħmel dan għaliex kienet qegħda tibża minn Matthew Piscopo jew minn xi ħadd ieħor u hija għal aktar minn darba tenniet li ma kienetx qegħda hekk tibża. Anzi hija tenniet li riedet tkompli tissapportja lil Piscopo biex tgħinu jegħleb xi diffikultajiet li huwa kien għaddej minnhom. Il-Qorti setgħet tara li mill-mod kif ġabet ruħha fuq il-pedana tax-xiehda din ix-xhud kienet kredibbli, konsistenti u li kienet kunfidenti u konvinta minn dak li kienet qegħda tgħid u titlob. Hija xtaqet li twaqqaf il-kawża f'dan l-istadju kontra Matthew Piscopo. Hija anzi kienet deċiża li tkompli bir-relazzjoni tagħha miegħu u riedet tgħinu b'saħħa u insistenza.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti qieset li dan kien każ li tmexxa ex officio mill-Pulizija Eżekuttiva. Inoltre f'għeluq din il-kompilazzjoni kien

hemm provi suffiċjenti sabiex din il-kawża titmexxa kontra Matthew Piscopo għar-reat kontemplat taħt l-Artikoli 214 u 221(1) kwalifikat bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 202(h)(v) tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant din il-Qorti iddeċidiet li ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kodiċi Kriminali, u kif ingħalqet il-kumpilazzjoni tal-provi f'dan il-każ, din l-istess Qorti kienet konfrontata b'reati li ma kienux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali iżda kienu reati li kienu ta' kompetenza tal-istess Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan ukoll peress li r-reati kontestati fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni kienu reati persegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva (anke peress li r-reat taħt l-ewwel imputazzjoni kif determinat minn din il-Qorti bħala li jaqgħa taħt l-Artikoli 214 u 221(1) kien kwalifikat bit-termini tal-Artikolu 202(h)(v) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li r-reati ipotizzati fit-tielet u r-raba imputazzjonijiet kienu ta' natura kontravvenzjonali u semmai setgħu jiġu assorbiti fir-reati delittwali għall-fini ta' piena).

Il-Qorti għalhekk iddeċidiet li tkompli tisma' l-kawża bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skont l-Artikolu 403 tal-Kodiċi Kriminali.F'dak l-istadju tal-proċeduri u in vista tad-digriet ta' din il-Qorti relattivament għall-ewwel imputazzjoni u għall-proċediment f'din il-kawża, l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilu skont kif speċifikati minn din il-Qorti.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu skont kif speċifikati aktar il-fuq.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u senjatament li kienu qegħdin jistrieħu fuq il-ġudizżju ta' din il-Qorti.

## ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 49, 50, 202(h)(v), 214 u 221(1), 251B u 251H, kif ukoll 339(1)(b)(e) il-Qorti qegħda ssib lil Matthew Piscopo ħati

tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu b'dan li għall-fini tal-ewwel imputazzjoni huwa qiegħed jinstab ħati li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Kristina Kneżevic.

Illi inkwantu tal-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset ix-xiehda ta' Kristina Knesevic fejn din b'mod ċar u inekwivoku fil-Qorti bil-miftuh iddikjarat li hija kienet qegħda tirrinunzja għall-azzjoni kriminali kontra tal-imputat safejn din kienet rinunzjabbli kif ukoll li kienet qegħda tirtira l-kwerela magħmula minnha kontrih, kif ukoll li riedet tibqa' miegħu biex tissapportjah fid-diffikultajiet tiegħu aktar milli trid taħrab minnu u fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata minnu f'dan l-istadju, il-Qorti tqis li jeżistu ċ-ċirkostanzi f'dan il-każ sabiex tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' probation u trattament.

Għaldaqstant wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tqiegħed lill-ħati Matthew Piscopo taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena millum u dan skond id-digriet li kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' probation wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' probation kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa jikkommetti reat ieħor

matul il-perjodu tal-ordni tal-probation jew f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni tal-probation.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' sena millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Finalment ai termini tal-Artikoli 403 il-Qorti qegħda tibgħat din is-sentenza u l-atti ta' din il-kawża lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien rikjest mill-Liġi.

**Mogħtija illum 6 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***